MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru 673/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Andrew Victor Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Andrew Victor Galea detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 133490M, akkuzat talli;

Nhar it-8 ta’ Awissu 2007 naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr L. Quintano LL.D., b’digriet ta’ nhar il-10 ta’ Mejju 2007 u b’digriet tal-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. ta’ nhar il-11 ta’ Gunju 2007) li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u diversi kundizzjonijiet u dan ai

terminu tal-artikoli 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nhar id-9 ta' Awissu 2007 gewwa l-ghassa tal-Hamrun ghal habta tat-2:45 p.m. ittanta li jattakka jew jaghmel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaggixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe' fuq il-persuna tal-Maggur 86 A. Lia liema attentat ma sehhx minhabba xi haga accidentali u dan ai terminu tal-artikoli 41, 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq diversi persuni li huma ufficjali tal-korp tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa ppersista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat il-verbal tal-lum.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni tal-imputat hija wahda volontarja u nkondizzjonata. Illi mit-trattazzjoni fuq il-piena rrizulta li l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-piena ghandha tkun dik ta' 21 gurnata prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Illi ghalkemm proprjament l-Artikolu 453A tal-Kap 9 mhux estiz ghal dawn l-Qrati tal-Magistrati, din il-Qorti nonostante ma ssib ebda raguni li igaghalha tiddiskosta ruhha mill-piena li dwarha trattaw il-partijiet.

Ghaldaqstant, filwaqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha li bihom jinsab akkuzat, rat l-artikolu 579(2)(3), 41, 92, 96, 95, 17 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah 21 gurnata prigunerija bit-tnaqqas taz-zmien li huwa gia' ghamel taht arrest preventiv.

Stante din is-sentenza l-Qorti tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif infissra fl-ahhar paragrafu tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------